Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,450, 6 ta' Ġunju, 2025

Taqsima B

A.L. 97 tal-2025

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Ordni tal-2025 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10(3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika għamel dan l- ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2025 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluży, hawn aktar 'il quddiem imsejħa l-"Ewwel Skeda". Kap. 101.

Jemenda l-Ewwel Skeda.

2. It-Taqsima I tal-Ewwel Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih wara l-partita "ETONITAZENE" għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"ETONITAZEPIPNE, 2-[(4-Ethoxyphenyl)methyl]-5-nitro-1-(2-piperidin-1-ylethyl)-1*H*-benzoimidazole";

(b) minnufih wara l-partita "METONITAZENE, N,N-diethyl-2-[(4-methoxyphenyl)methyl]-5-nitro-1H-benzimidazole-1-ethanamine" għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"METONITAZEPYNE, 2-[(4-methoxyphenyl) methyl]-5-nitro-1-(2-pyrrolidin-1-ylethyl)-1*H*-benzoimidazole";

(ċ) minnufih wara l-partita "MYROPHINE" għandha tiġi miżjuda l-partita ġdida li ġejja:

"*N*-desethyl isotonitazene, *N*-ethyl-2-[2-[(4-isopropoxyphenyl)methyl]-5-nitro-benzimidazol-1-yl]ethanamine"; u

(d) minnufih wara l-partita "PROTONITAZENE, N,N-diethyl-5-nitro-2-[(4-propoxyphenyl)methyl]-1-H-benzimidazole-1-ethanamine" għandha tiġi miżjuda l-partita

ġdida li ġejja:

"PROTONITAZEPYNE, 5-nitro-2-[(4-propoxyphenyl)methyl]-1-(2-pyrrolidin-1-ylethyl)benzimidazole".